MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2009

Numru 843/2009

**Il-Pulizja**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs.**

**Oliviero Filisetti et.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Generali, minnu prezentat il-bierah 17 t'Awissu, 2009, li permezz tieghu, wara li invoka l-Artikolu 574A(9) tal-Kodici Kriminali, huwa talab:- 1. li din il-Qorti tirrevoka l-awtorizzazzjoni moghtija mill-Ewwel Qorti sabiex l- imputat ikun jista' jitlaq minn Malta w minflok tordna lill-imputat Filisetti jiddepozita l-passaport tieghu in atti b'dan li jekk l-imputat ikollu l-htiega li jallontana ruhu mill-gzejjer Maltin, jaghmel talba *ad hoc* quddiem il-Qorti.
2. li d-depozitu monetarju jigi mizjud sabiex jirrifletti dik is-somma li, fl- opinjoni ta' din l-Onorabbli Qorti,

tiggarantixxi r-ritorn [Sic!] tal-imputat ghal dawn il-proceduri.
3. li l-imputat Filisetti jirraporta fl-ghassa tal-Pulizija f'dik il-frekwenza li din il- Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi.

Rat id-digriet taghha tal-bierah 17 t'Awissu, 2009, li permezz tieghu l-imsemmi rikors gie appuntat ghas-smigh ghal-lum;

Semghet fl-udjenza tal-lum lill-Avukat Dott. Leonard Caruana ghar-rikorrent Avukat Generali kif ukoll lill-Avukati Dott. Vince Micallef u Dott. Andy Ellul ghall-intimat;

Rat l-attijiet ta' l-istruttorja limitatament ghall-finijiet tat-talba odjerna;

Rat il-verbal registrat quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-udjenza tas-17 t'Awissu, 2009 li bih dik il-Qorti awtorizzat ir-ritorn tal-passaport tal-istess imputat Oliviero Filisetti.

L-imputat jinsab akkuzat b'komplicita' f'sensiela ta' reati li jikkomprendu serq ta' vettura, hsarat volontarji, serq ta' apparat cellulari, ricettazzjoni, sekwestru tal-persuna, theddid, pussess ta' kwantita' ta' munizzjoni minghajr licenzja tal-kummissarju tal-Pulizija, theddid permezz ta' sistemi ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika, "harassment" ta' mara w reati ohra.

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti, diversament preseduta, fid-digriet taghha tat-18 ta' Frar 2006 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Anthony Bugeja u Piero di Bartolo*** :-

**"Il-procedura tar-rikors quddiem din il-Qorti, introdotta bl-Artikolu 140 ta' l-Att III tal-2002 – illum is-subartikolu (4A) tal-Artikolu 575 – ma kienitx certament intiza biex <u>f'kull kaz</u> ta' ghoti ta' helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati, din il-Qorti (il-Qorti Kriminali) toqghod tirrevedi kollox biex tara jekk hi, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, <u>kienitx kieku</u>**

**<u>tikkoncedi dak il-helsien mill-arrest</u>, u, f'kaz ta' risposta negattiva, tirrevoka dak il-helsien mill-arrest. Fil-fehma ta' din il-Qorti dik l-imsemmija procedura giet introdotta biex, jekk din il-Qorti taqbel ma' l-Avukat Generali li l-ewwel Qorti tkun ezercitat id-diskrezzjoni taghha b'mod evidentement zbaljat – sia jekk fuq bazi fattwali (ez. ma tkunx ikkunsidrat certi fatti) u sia jekk fuq bazi legali (ez. uzu hazin tal-garanzija personali) – allura tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest koncess mill-Qorti Inferjuri jew tvarja l-kundizzjonijiet li tahthom dak il-helsien mill-arrest ikun gie koncess. Fi kliem iehor, is-semplici fatt wahdu li din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li hija ma kienitx tikkoncedi l-helsien mill-arrest, jew li hija kienet kieku timponi kundizzjonijiet differenti minn dawk imposti mill-ewwel Qorti, m'ghandux iwassal necessarjament ghall-konsegwenza li din il-Qorti tirrevoka dak il-helsien mill-arrest jew tvarja dawk il-kundizzjonijiet. Wiehed ghandu neccessarjament jippresumi li l-Qorti Istruttorja tkun ghamlet ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha qabel ma tat il-helsien mill-arrest u qabel ma stabbiliet il-kundizzjonijiet tal-istess helsien. Pariment, meta l-Qorti tal-Magistrati tirrifjuta li taghti l-helsien mill-arrest – u ghandha taghti r-ragunijiet ghal tali rifjut, Art. 575(11) – din il-Qorti, jekk ma tkunx tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata fir-rifjut taghha, m'ghandhiex tvarja tali decizjoni. Kieku kien mod iehor, ikun ifisser li d-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati f'din il-materja ta' helsien mill-arrest jkunu kwazi ta' natura aleatorja."**

Din il-Qorti qeghda tafferma dan l-insenjament. Fil-kaz in dizamina pero' din il-Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha, wkoll ghandha rizerva serja dwar diversi kondizzjonijiet li gew imposti fuq l-intimat jew addirittura n-nuqqas ta' kondizzjonijiet li jmisshom gew imposti w ma gewx. Kif kellha l-opportunità li tfisser diversi drabi din il-Qorti, l-garanzija fil-forma ta' obbligazzjoni ta' l-imputat komunement maghrufa bhala "garanzija personali", hija l-anqas wahda desiderabbli ghax fiha nnifisha ftit li xejn tagixxi ta' fren fuq dak li jkun biex joqghod ghall-

kundizzjonijiet kollha tal-helsien mill-arrest – sew dawk imsemmija espressament mil-ligi (Art. 579) kif ukoll dawk imposti mill-Qorti. Anqas jidher li s-somma ta’ elfejn Ewro bhala depozitu hija wahda li taghmel gustizzja ghall-kaz tenut kont ta’ dak li jipprovdu l-Artikoli 576 u 584 tal-Kodici Kriminali.

Stante li l-intimat huwa persuna ta’ nazzjonalita’ Taljana w ma jidhirx li ghandu xi rabtiet serji mas-socjeta’ Maltija, din il-Qorti ma tikkondividiex id-decizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati li biha awtorizzat ir-ritorn tal-passaport f’idejn l-imputat billi b’dan hu jkun jista’ facilment johrog mill-konfini tal-Unjoni Ewropea bil-konsegwenza li ma jkunx facli jew addirittura impossibbli li jigi rintraccat u estradit lura lejn il-Gurisdizzjoni Maltija.

Inoltre, tara w tqis li biex il-Pulizija jkollha kontroll fuq il-movimenti gjornaljieri tal-imputat, jkun hemm il-htiega li dan jiffirma regolarment f’ghassa tal-Pulizija li,f’dan il-kaz, jidher li l-iktar wahda konvenjenti ghall-imputat hija dik tal-Qawra.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ t-talba ta’ l-Avukat Generali kif gej u cioè tirrevoka dik il-parti tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tas-17 t’Awissu 2009 u cioe’ l-kundizzjoni numru 8 fejn gie ordnat illi l-imputat jiddepozita s-somma ta’ elfejn Ewro (€2000) w jaghmel garanzija personali ta’ hamest elef Ewro (€5000), u minflok tordna li l-imputat jaghmel tajjeb ghall-kundizzjonijiet ta’ dak id-digriet <u>kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali</u> --

**“ billi jgib plegg tajjeb li jobbliga ruhhu bil-miktub ghas-somma ta’ hamest elef Ewro (€5000); f'kaz li jingieb tali plegg il-Qorti tordna li jinghata avviz ta' erba' w ghoxrin siegha kif provvdut fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 582 sabiex tkun tista' tigi determinata l-idoneita` ta' tali plegg, u din il-garanzija ma jkollha ebda effett qabel ma tali plegg jigi approvat minn din il-Qorti; jew”**

**“ billi jiddepozita taht l-awtorita' ta' din il-Qorti u bhala garanzija s-somma ta’ hamest elef Ewro (€ 5000).”**

**Sakemm tingieb il-garanzija jew isir id-depozitu kif hawn fuq indikat, l-imputat ghandu jibqa’ taht arrest preventiv.**

Inoltre minflok u mal-kondizzjonijiet l-ohra, ghandhom jidhlu s-segwenti :

**“5. li jirraporta fl-ghassa tal-Pulizija tal-Qawra kuljum bejn is-6.00 p.m. u t-8.00 p.m., b’dan li jekk ma jkunx jista’ jirraporta kif fuq inghid, ghandu jibghat certifikat mediku fi zmien sitt (6) sieghat mill-hin li fih qed jigi obbligat li jirraporta;”**

**“6. li jirtira gewwa d-dar fejn joqghod u cioe’ Flat 6A, Seaview Flats, Block C, Qawra Road, Qawra, mhux aktar tard mid-9.00 p.m. u ma johrogx minn hemm qabel is-7.00 a.m.”**

**“9. li jikkonsenja fir-Registru ta’ din il-Qorti l-passport u l-karta ta’ l-identita’ tieghu, jekk ghandu, kontestwalment meta jigi biex jaghmel, id-depozitu jew isir il-plegg fuq imsemmi.”**

**“10. li jekk l-imputat ikollu htiega li jsiefer minn dawn il-Gzejjer ghandu dejjem jitlob awtorizzazzjoni *ad hoc* mill-Qorti li tkun qed tittratta l-kaz tieghu.”**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------